Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 27 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Clinton Gatt

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clinton Gatt detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 584478 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-24 ta' Settembru, 2016 ghall-habta ta' 8.15 hrs, fi Triq Leonard Mahoney, ix-Xghajra:

1. Hebb kontra Valcheva Gatt sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lill-imsemmija persuna;
2. Ikkaguna biza' li ser juza vjolenza kontra Emiliya Valcheva Gatt jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxedenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Jannar, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251 B (1) u 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ordnat ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Art. 412 C tal-Kap 9 ghal sentejn favur Emiliya Valcheva Gatt ghal sentejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Clinton Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali in kwantu moghtija fil-konfront tal-appellant nhar it-13 ta' Jannar 2017 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi, u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1) **Illi fl-ewwel lok l-imputazzjonijiet kif imposti jirreferu ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha qabel minn dak li rrizulta mill-provi prodotti f' din il-kawza.**

Mill-atti jirrizulta ampjament li r-reati li dwarhom tressqu l-provi allegatament sehhew fit-tmienja u kwart ta' filghaxija (20.15hrs). L-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appell jirreferu ghall-allegat incindent li sehh fit-tmienja u kwart ta' filghodu (08.15hrs).

Illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b' mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. John Mary Briffa, fejn l-appellant f' dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 pm" mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 am", intqal li:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament".*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Warren Piscopo u Il-Pulizija vs. Rita Theuma, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Illi, fil-kaz odjern, id-differenza li tirrizulta mill-provi prodotti meta paragunata ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant m'humiex semplici ftit sieghat pero` d-differenza hija f'numru konsiderevoli ta' sieghat. M'hemmx dubju li dak kwotat fis-sentenzi hawn fuq citati ghandu japplika ghall-kaz odjern. Bl-applikazzjoni tal-principji indikati hawn fuq ghall-kaz in ezami huwa car li l-appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fit-tmienja u kwart ta' filghodu (08.15hrs) meta l-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fit-tmienja u kwart ta' filghaxija (20.15hrs).

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalhekk kellha tieqaf hawn u tillibera l-appellant miz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

2) **Bla pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament ghall-istess, jinghad ukoll illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex ragunijiet ghala ssib il-htija fuq ebda wahda mill-akkuzi. In effetti l-provi li ngiebu quddiem l-Ewwel Qorti kienu tali li kellhom iwasslu ghall-liberazzjoni tal-appellant, u mhux ghas-sejbien ta' htija.**

Illi huwa wkoll principju stabbilit fil-gursiprudenza tal-Qrati taghna, illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitati mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. **Dan hu propju l-kaz in ezami**.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2017 xehdu l-*parte civile*, omm il-*parte civile* u l-appellant. It-tlett verzjonijiet li nghataw kienu konfliggenti ghall-ahhar. Il-*parte civile* xehdet li l-appellant qabadha minn idejha tlett darbiet u hezzizha, allegazzjoni falza li l-appellant cahad minn dejjem b'mod kategoriku. Omm il-*parte civile* xehdet li rat lill-appellant u lil bintha vicin xulxin fejn hija marret bejniethom biex tifridhom. Omm il-*parte civile* sahansitra qalet bil-gurament li hija bdiet tghid lil bintha "*leave him alone, leave him alone*". Il-*parte civile* ma tatx l-istess verzjoni li tat ommha u fl-ebda hin ma xehdet li ommha dahlet bejniethom biex tifridhom. Jirrizulta ghalhekk li hemm kunflitti cari bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni tant li l-*parte civile* u ommha stess mhumiex qed jaqblu, anzi, qed jikkontradixxu lil xulxin.

Interessanti huwa l-fatt li bil-gurament taghhom la l-*parte civile* u wisq aktar ommha ma xehdu dwar il-hadida tal-mghodijja li qabdet f'idejha l-*parte civile*! Kien biss in kontro-ezami li hareg dan id-dettal, li m'hemmx xi nghidu, mhuwiex dettal li wiehed jista' jinsieh malajr.

Illi min-naha l-ohra u bil-gurament tieghu, l-appellant ikkonferma b'mod sod, ferm u kategoriku quddiem l-Ewwel Qorti li hu fl-ebda hin ma mess lil martu u lanqas ma hebb ghaliha. L-appellant kien dettaljat u konsistenti fix-xhieda tieghu fejn qal li l-ispalla tieghu messet l-ispalla ta' martu fil-mument li huwa ghadda minn hdejha sabiex jghaddi mill-bieb u johrog mill-kamra tas-sodda. Huwa xehed li omm il-*parte civile* tfaccat biss meta il-*parte civile* qabdet il-hadida tal-mghodijja u bdiet tghajjat kemm tiflah. Qabel dan, omm il-*parte civile* kienet f'kamra ohra fejn allura ma setghet tara xejn.

Jinghad ukoll li waqt is-seduta quddiem l-Ewwel Qorti, il-*parte civile* pprezentat ritratti ta' tbengil. Ghalkemm ma kienx hemm akkuza f'dan is-sens il-*parte civile* qalet li dak it-tbengil kien ir-rizultat ta' meta l-appellant qabadha minn idejha. Minkejja dan jinghad li l-*parte civile* ma marritx taghmel certifikat ghaliex skont hija stess ma kellha l-ebda marki. B'kull dovut rispett il-*parte civile* hawnhekk uriet kemm mhijiex xhud kredibbli.

Illi bhala stat ta' fatt il-*parte civile* u ommha ilhom zmien twil jipprovokaw lill-appellant u jittantaw joholqu incident fid-dar tant li kienet il-*parte civile* stess li bdiet ixxejjer hadida ta' mghodijja f'idejha u kien propju ommha li marret twaqqaf lil bintha u tikkalmaha fejn anki qaltilha sabiex thalli lill-appellant- *"leave him alone".*

Jinghad illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, apparti li kienu konfliggenti, ma kienux xhieda kredibbli u dan specjalment meta wiehed jinduna li bdew jippruvaw jahbu certu dettalji bhal dik tal-mghodijja u raw kif jaghmlu sabiex l-appellant jinstab hati akkost ta' kollox, anki billi dawru l-fatti u gidbu taht gurament.

Illi f'kull kaz il-provi li ngiebu quddiem l-Ewwel Qorti kienu kontradittorji ghall-ahhar u l-Ewwel Qorti kellha tillibera l-appellant a bazi tal-provi konfliggenti li kellha quddiemha.

Illi *semmai* u fl-aghar ipotezi ghall-appellant, dak illi allegatament sehh miz-zewg nahat, sar fuq provokazzjoni ta' Emiliya Gatt, bl-isfortuna li mart l-appellant kienet pronta tmur tigri tirrapporta l-Ghassa tal-Pulizija filwaqt li l-appellant m'ghamilx hekk. L-appellant seta' facilment jaghmel l-istess u kienu jinhargu l-istess akkuzi fil-konfront ta' martu izda naqas milli jaghmel dan ghas-semplici fatt li ghandu tifla minuri flimkien mal-*parte civile*, u ghaldaqstant jevita kemm jista' li jkollu jattendi l-Qorti kontra martu.

3) **Illi l-Ordni ta' Protezzjoni tinħareġ fil-mori tal-kawza izda mhux meta jigu konkluzi l-proceduri permezz ta' sentenza.**

Illi l-Qorti a bażi ta sejbien ta' ħtija ħarġet Ordni ta' Protezzjoni favur Emiliya Gatt kontra l-istess appellant. Kwantu għall-fatt illi l-Ewwel Qorti għamlet Ordni ta' Protezzjoni, il-liġi titkellem dwar tali Ordni li tinħareġ kontra "l-akkużat". L-artikolu 412C(1) filfatt jipprovdi testwalment:

> *"412Ċ. (1) Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa 'l-akkużat') tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' inkjesta kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-qorti tista', minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat."*

Illi għaldaqstant l-Ordni ta' Protezzjoni tinħareġ fil-mori tal-kawża u meta jigu konkluzi l-proceduri permezz tas-sentenza, hemm miżuri differenti li huma applikabbli bħala piena.

Illi dan hu rifless fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Emanuel Grech*.

Illi in oltre jinghad ukoll illi minbarra n-natura mhux serja tal-kaz, li jista' addirittura jista' jigi deskritt bhala wiehed hafif u minghajr importanza, jirrizulta wkoll li dan hu l-ewwel kaz fejn l-appellant rifes l-ghatba tal-Qorti. L-appellant mhuwiex xi bniedem refrattarju, anzi hu bniedem li spicca f'dan l-inkwiet biss fl-isfond tal-inkwiet ta' separazzjoni personali, u fl-isfond tal-problemi familjari li jinsab ghaddej minnhom.

Illi ghalhekk, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher li meta l-Qorti giet biex tapplika l-artikolu 412C tal-Kap 9, l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piz lill-fatt li **(1)** il-fedina penali tal-appellant hi wahda nadifa u ghalhekk ghandu jigi meqjus *semmai* bhala *a first time offender* **(2)** li hu certament m'huwiex xi kriminal izda persuna li ghaddejja mit-tbatija ta' separazzjoni personali.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel aggravvju imqanqal mill-appellanti meta jishaq illi huwa ghandu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi l-allegat incident mertu ta' dawn il-proceduri penali ma sehhx fil-hin indikat fl-akkuza u cioe' fit-tmienja u kwart ta' fil-ghodu (08:15hrs), izda fit-tmienja u kwart ta' fil-ghaxija.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, <u>bil-partikularitajiet ta' zmien</u> u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn similment ghal kaz in dizamina, l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li

allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*"

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011[1]. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor jew f'hin iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Illi maghdud dan, allura din il-Qorti ma tistax ma taghtix ragun lill-appellanti f'dan l-ewwel aggravvju minnu intentat. Dan ghaliex immedjatament minn qari ta'l-ewwel dokument li jinsab inserit fl-atti a fol.2 u cioe' l-affidavit tal-investigating officer PC998, johrog car illi l-parti leza irrapurtat gewwa l-ghassa tal-pulizija fid-disgha neqsin kwart ta' fil-ghaxija dwar incident li kien sehh ftit tal-hin qabel u cioe' ghal habta tat-tmienja u kwart ta' fil-ghaxija u mhux ta' fil-ghodu kif hemm indikat fic-citazzjoni. Ighid hekk fl-affidavit tieghu il-kuntistabbli David Sean Caruana:

[1] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Magistrati)

**"Is-sinjura Gatt qalet li fit-8:15pm waqt li kienet id-dar taghha fi triq Leonardu Mahoney, Xaghjra kellha argument rigward affarijiet finanzjarji mar-ragel taghha …."**

Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal hin iehor (**08:15hrs**) u cioe' tnax-il siegha qabel u mhux dak meta sehh dan l-argument matrimonjali bejn il-koppja Gatt li allura kellu jigi indikat bhala "20:15hrs".

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell ta'l-imputat jisthoqqlu akkoljiment abbazi ta' dan l-ewwel aggravvju minnu intentat. Il-Qorti ghalhekk ma tarax illi hemm ghalfejn tinoltra ruhha fi stharrig tal-impunjattiva l-ohra li jinsabu fir-rikors ta'l-appell.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata, u tghaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Edwina Grima
Imhallef